



# L-Irwol tal-batteriji fil-Menqa waqt l-Imblokk tal-Franċiżi

*minn Josef Azzopardi, Viċi-Sindku*

## Introduzzjoni

Il-Marsa hija mimlija bi storja li kultant għadha xi ftit jew wisq mistura. L-irwol tal-Menqa fit-tfassil ta' ġrajjiet artna ma jistax ikun minsi u r-raħal tagħna fid-daħla tal-Port il-Kbir dejjem kien fil-qalba tal-ġrajja ta' pajjiżna. L-artiklu se jiffoka fuq l-Imblokk tal-Franċiżi u ż-żewġ batteriji li inbnew fil-Marsa kontra l-Franċiżi li kienu biswit il-Menqa.

## Napuljun Bonaparte jieħu lil Malta

Napuljun Bonaparte dam Malta ftit ijiem biss, mit-12 sad-19 ta' Ġunju 1798. F'dawn il-ftit jiem ħareġ diversi liġijiet li l-Maltin kellhom joqogħdu għalihom. Huwa ordna li kulħadd huwa ndaqs quddiem il-liġi, li t-titli tan-nobbli jitneħħew, li titneħħa l-iskjavitù, li jkun hawn il-libertà tal-istampa, libertà tar-Reliġjon, l-Lhud setgħu jibnu sinagoga, li jinfetħu skejjel primarji fl-ibliet u fl-irħula, xi studenti anki ntbagħtu jistudjaw fi Franza, l-Ordnijiet Reliġjużi kienu ordnati li jkollhom kunvent wieħed biss, artijiet tal-Knisja ġew meħuda mill-Gvern Franċiż f'Malta, u l-Inkwiżitur tkeċċa minn Malta fost tibdiliet oħra.

Dawn il-bidliet rivoluzzjonarji li ġab Napuljun Bonaparte kienu wisq għall-poplu Malti b'mod speċjali għan-nies fl-irħula li kienu jgħixu 'l bogħod mill-ibliet, u maqtugħin għalihom taħt it-tmexxija tal-kappillan jew l-arċipriet tar-raħal. Napuljun Bonaparte telaq minn Malta biex ikompli jirbaħ l-artijiet u fil-fatt wara Malta huwa rebaħ l-Eġittu.

Iżda warajh Napuljun ħalla 5,000 suldat taħt il-kmand tal-Ġeneral Claude-Henri de Vaubois.[1] Il-Ġeneral Vaubois ma kienx ċert kif jista' jmantni lil dawn is-suldati f'pajjiż li kien jiddependi mill-qamħ li kien jiġi minn Sqallija. Malta kienet ingħatat lill-Kavallieri fl-1530 mir-Re Karlu V ta' Spanja, u Sqallija kienet responsabbli minn Malta. Fil-fatt l-Granmastri bħala turija ta' sottomissjoni lejn Sqallija kienu jibgħatu falkun darba fis-sena lill-Viċire ta' Sqallija. Issa kif il-Viċire ta' Sqallija kien infurmat bl-inkwiet li kien hawn, huwa żamm milli jsir xi tip ta' kummerċ ma' Malta.[2]

## L-Imblokk tal-Franċiżi

Fit-2 ta' Settembru 1798, inqas minn tlett xhur wara l-wasla ta' Napuljun, Malta rat il-patrijotti jqumu kontra l-Franċiżi u jissieltu kontra l-ħakkiema. Il-poplu Malti għall-ewwel kien waħdu f'din it-taqbida kontra l-barrani. Bla dubbju l-Maltin riedu li jkunu organizzati sew biex jaslu jseħħu l-ħolma li jeħilsu lil arthom.

Il-Gran Britannja kienet għadu ewlieni ta' Franza. Il-Gran Britannja kienet qed tibgħat f'Malta nies prominenti biex jorganizzaw lill-Maltin kontra l-Franċiżi. Il-qawwa ta' l-Gran Britannja kienet waħda navali filwaqt li l-Franċiżi kien b'saħħithom aktar f'battalji fuq l-art.

Taħt il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, xi Maltin kellhom esperjenzi fl-użu ta' l-armi, l-aktar minħabba li kienu jkunu nvoluti fl-għasses tal-kosta u l-irħula tagħhom. Din



l-esperjenza użawha biex jagħqdu battaljuni ta' nies armati biex jissieltu kontra l-Franċiżi taħt it-tmexxija tal-Kungress Nazzjonali Malti.[3] Is-suċċess tal-Maltin fil-ħelsien tal-Imdina mill-Franċiżi kien kollu dovut għal dawn il-battaljuni.

L-irħula kellhom jiġbru grupp ta' voluntiera bħala battaljuni, u kull raħal kien responsabbli biex jmantni l-battaljun tiegħu billi jinġabru flus apposta. Kull riġment kien ikun magħmul minn madwar mitejn suldat. Tant kienu organizzati sew li saħansitra kien ikollhom anki banda magħmula minn tnax-il bandist u tnejn minnhom kienu jkunu jdoqqu t-tnabar.[4]

Fl-1799, il-Kaptan Sir Alexander Ball kien maħtur il-president tal-Assemblea Nazzjonali li kienet il-moħħ biex tieħu ħsieb l-bżonnijiet tal-militar u anki tan-nies ċivili. L-Assemblea Nazzjonali bdiet tissejjaħ Kungress Nazzjonali.




Is-sena 1800 fissret ukoll t-twaqqif ta' riġment magħmul minn Maltin magħruf bħala 'I Cacciatori Maltesi' (Maltese Light Infantry) u mħallas mill-Gran Britannja biex l-imblokk tal-Franċiżi jkun suċċess. L-Ammirall Lord Nelson kien ħatar lil Captain James Weir biex imexxi r-riġment.[5]

Ix-xogħol ewlieni ta' dawn ir-riġmenti u battaljuni kien li jgħasses u jiddefendi l-kampanja filwaqt li jagħlaq lill-Franċiżi milli joħorġu barra mill-Belt Valletta, mill-Floriana, mill-Forti Rikażli, mill-ibliet tal-Kottonera: Birgu, Isla u Bormla; li jinsabu fil-Port il-Kbir u anki l-Forti Manoel u l-Forti Tignè' fuq ix-xaqliba l-oħra, fil-port ta' Marsamxett.

L-Ammirall Lord Nelson għen lill-Maltin billi ħa ħsieb jimblokka l-portijiet bil-qawwa navali tiegħu u allura jwaqqaf kull bastiment li l-Franċiżi setgħu jibgħatu minn Malta, jew li jipprova jidħol f'Malta biex iġġib xi tip ta' għajnuna jew ikel.

## Batteriji madwar il-portijiet

Dr.Stephen C.Spiteri li huwa studjuż fuq l-Inġinerija militari jikteb fil-tul dwar il-batteriji fil-portijiet matul l-imblokk tal-Franċiżi.[6]

Il-Maltin kienu jafu li ma kienx se jirnexxielhom jidħlu f'xi fortizza madwar il-portijiet. Allura kull batterija madwar il-portijiet kienet magħmula biss biex iżżomm milli l-Franċiżi joħorġu mill-fortizzi biex jattakkaw l-irħula tal-Maltin.

Tnejn minn dawn il-batteriji kienu jinsabu madwar il-Menqa tal-Marsa magħrufin bħala l-Batterija tal-Għolja tal-Ġiżwiti u l-oħra bħala l-Batterija tal-Marsa.




## Il-Batterija ta' l-Għolja tal-Ġiżwiti

Din il-batterija hija immarkata b'numru 9 fuq il-mappa. Skond disinji li nstabu jidher li din il-batterija kellha biss żewġ kanuni. Kellha parapett magħmul minn ħitan b'ġebel tas-sejjieħ u fih kien hemm minn fejn joħorġu ż-żewġ kanuni. Kien hemm ukoll kamra jew maħżen għall-armi moħbi bil-ħamrija biex ma jkunx jidher mill-għadu.




L-għassiesa tal-Marsa kienu jkunu minn Casal Fornaro (Qormi) li f'dak iż-żmien l-inħawi tal-Marsa kienet tagħmel parti minnu. L-iskop ta'din il-batterija kien biex ma jħallix lill-Franċiżi joħorġu mis-swar tal-Floriana u jniżżlu xi dgħajjes fil-Port il-Kbir.

## Il-Batterija tal-Marsa




Taħt l-Għolja tal-Ġiżwiti kien hemm batterija oħra viċin x-xatt magħrufa bħala l-Batterija tal-Marsa. Din il-batterija kellha tlett kanuni. Jidher li l-Kaptan Sir Alexander Ball flimkien ma' ġeneral ieħor Graham kienu jispezzjonaw dawn il-batteriji għax pittura kontemporanja turi lil dawn il-ġenerali fil-Batterija tal-Marsa.

Konklużjoni

Iż-żewġ batteriji tal-Marsa flimkien mal-kumplament kienu vitali biex jimblokkaw lill-Franċiżi fis-swar tal-ibliet. L-imblokk bil-bastimenti Ingliżi u l-alleati tagħhom fuq barra tal-portijiet wassal biex il-Franċiżi jċedu l-gżejjer Maltin.

F'Awwissu ta' l-1800, is-sitwazzjoni għall-Franċiżi kienet gravi. Ma kienx fadalhom annimali għall-ikel fil-Belt Valletta: la żwiemel, la klieb, la qtates, la ħmir u lanqas fniek. Il-Franċiżi kienu qed imutu bil-ġuħ u anki b'epidemija. Il-Ġeneral Vaubois tant kien iddisprat li ma kellux triq oħra ħlief li jċedi.

Fl-4 ta' Settembru 1800, l-Ġeneral Vaubois ċeda kollox għall-Gran Britannja u minn hemm tibda l-ġrajja tal-ħakma Britannika fuq artna. Il-batteriji jidher li żżarmaw kollha wara l-1814, meta Malta saret kolonja tar-Renju Unit fil-Kungress ta' Vienna.

---

(Noti tal-Għeluq)

1 *Maltese Blockade Medals by Joseph C.Sammut*

2 *The Conflict for Malta, 1798 – 1802 (http://www.napoleon-series.org/military/battles/1798/c_Malta.html)*

3 *Historical Re-Enactment Group of Malta (http://hrgm.wordpress.com/units/maltese-military-units-during-the-french-blockade/maltese-national-congress-militia/)*

4 *Ibid*

5 *Ibid*

6 *ARX – Online Journal of Military Architercture – Issue 6 – May 2008 (Maltese siege batteries of the Blockade) article by Dr.Stephen C.Spiteri*

*L-Istampi huma meħudin minn ARX - Online Journal of Military Architecture – Issue 6 – May 2008.*